# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## MINUTI

## SEDUTA NRU 274 – It-Tnejn 18 ta' Novembru, 2013

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

## PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku Dr Mark Anthony Vassallo
Il-Kunsilliera Mariette Borg
Il-Kunsillier is-Sur Nicholas Cassar
Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Tanti

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

## ASSENTI

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva komunikat mingħand il-Kunsilliera Mario Cachia u Emanuel Cutajar, li minħabba raġunijiet ta' xogħol ma kienux possibli li jattendu s-seduta. Is-Sindku ippropona li għandhom jitniżżlu bħala assenti skużati. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

## 1. INTRODUZZJONI TAL-AMBAXXATRIĊI TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ

Is-Sindku introduċa lill-Kunsill lis-Sinj. Clara Grixti bħala l-ambaxattriċi taż-żgħażagħ u fakkar li għandha dritt tipparteċipa fid-diskussjonijiet. Il-Kunsilliera ferħulha għal ħatra tagħha u awgurawlha ħidma sfiqa fi ħdan il-Kunsill.

## 2. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta nru.272 u tas-Seduta nru. 273 ikunu approvati bħala dokumenti korrett. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 3. PUNTI LI JOHORĠU MILL-MINUTI

**3.1 *Planting Roundabouts***

Is-Sindku qal li dan il-kuntratt għandu jerġa' jiġġedded għal xahrejn oħra, u deċiżjoni finali tittieħed fis-seduta li jmiss. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**3.2 Latrina ta' Lapsi**

Is-Sindku informa lill-Kunsill li kien iltaqa' mal-Perit tal-Kunsill Neil Felice u kienu tħejjew il-pjanti meħtieġa biex issir l-applikazzjoni mal-MEPA. Il-proposta tinkludi li l-lattrina l-ġdida tersaq aktar lejn it-triq, tkun kompletament aċċessibli għall-persuni b'diżabilità u fuq is-saqaf tagħha jinħoloq belveder. Is-Sindku ppropona li għandha ssir l-applikazzjoni neċessarja mal-MEPA.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**3.3 *Bring-in sites* u ġbir ta' skart imħallat u riċiklat**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq rapport dwar l-ammonti ta' skart miġbura fil-lokalità kif ukoll rapport dwar l-użu tal-*bring-in sites*.

Fejn jidħol l-iskart imħallat, il-mira tal-Wasteserv għas-Siġġiewi hija ta' 2,290 tunnellata fis-sena. Matul l-2012, inġabar l-ammont ta' 2,281 tunnellata. Dan ifisser li ma qbiżniex il-mira, u dan hu fatt pożittiv.

Rigward l-iskart riċiklat, il-mira hija 358 tunnellata, imma inġabru 318 tunnellati(89% tal-mira). Mill-*Bring-in sites* jinġabru madwar 60 tunnellata fis-sena. Jidher li matul is-sena 2013, iċ-ċifri se jibqgħu l-istess. Dan ifisser li jekk matul is-sena d-dieħla jsir ftit aktar sforz, nistgħu nilħqu l-mira.

Rigward l-użu tal-*Bring-in sites*, fl-aħħar ġimgħat saru sforzi kemm mill-GreenMt, kif ukoll mill-kuntratturi tagħna biex l-abbuż minnhom jiġi mitigat.

Il-*Works Manger* qed jagħmel monitoring tagħhom kull jum.

Is-Sindku qal li għandna nħejju kwestjunarju biex naraw in-nies kif jaħsbuha dwar l-użu tagħhom, u dwar it-tneħħija tagħhom.

**3.4 Żvilupp fi Triq l-Imdina, Triq Dr Nikola Zammit u Triq Dun Manwel Zammit.**

Is-Sindku qal li flimkien ma' numru ta' residenti huwa attenda għas-seduta tal-MEPA u li fiha ġiet diskussa t-talba għall-permess. Huwa qal ukoll li kien iltaqa' mal-Perit tal-proġett u dan hu dispost li jagħmel xi tibdiliet skont ix-xewqa tal-Kunsill u tar-residenti tal-qrib.

Is-Sindku spjega li fost id-diversi punti hemm minn fejn jidħol u joħroġ it-traffiku kif ukoll il-fatt li numru ta' appartamenti mhux se jkollhom fejn jonxru l-ħwejjeġ ħlief fil-galleriji ta' barra. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-MEPA kienet approvat b'mod unanimu l-ħruġ tal-permess għal dan l-iżvilupp kif propost mill-Awtorità tad-Djar.

Is-Sindku ippropona li s-sit fi Triq Dun Manwel Zammit u li għadu tal-*Joint Office*, jiġi devolut lill-Kunsill u jkun żviluppat fi ġnien. Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**3.5 Triq il-Knisja l-Qadima**

Is-Sindku qal li wara diversi talbiet biex l-imsemmija triq tingħalaq għat-traffiku waqt il-ħin tad-duttrina, huwa kien ġie nfurmat li Transport Malta irrifjutat it-talba. Is-Sindku spjega li Transport Malta qegħda ssostni li t-triq ma tistax tingħalaq minħabba li tintuża mir-rotta tat-trasport pubbliku mill-Arriva.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti u l-Kunsilliera Mariette Borg qalu li kienu se jintervjenu dwar din il-materja mal-awtoritajiet kompetenti. Is-Sindku qal li jekk sa seduta oħra din il-materja ma tkunx issolviet huwa kien ser jipproponi azzjonijiet oħra f'dan ir-rigward waqt is-seduta li jmiss.

## 4. FINANZI

**4.1 Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti.

Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 5. KUNTRATTI

***5.1 Tenders tal-Public Conveniences u Resurfacing***

Is-Sindku qal li dawn iż-żewġ kuntratti għandhom jiġu aġġudikati fis-seduta li jmiss. Is-Sindku ddikjara wkoll li huwa mhux ser ikun qiegħed jipparteċipa fid-deċiżjoni dwar it-tender tal-*public conveniences* minħabba probabbiltà ta' kunflitt ta' interess.

***5.2 Tender non-urban***

Is-Sindku qal li minħabba xi diffikultajiet il-Bord tal-Għażla kellu jipposponi l-intervisti mal-offerenti għal data aktar tard. Is-Sindku spjega li dan il-kuntratt mistenni li jkun aġġudikat fis-seduta li jmiss.

## 6. HWEJJEĠ OHRA

**6.1 Talbiet għall-Kumpens**

Is-Sindku qal li minn żmien għal żmien il-Kunsill jirċievi talbiet għall-kumpens dwar ħsarat f'vetturi ikkawżati mill-istat tat-toroq. Huwa ippropona li f'dawn il-Kunsill għandu jipproponi lil min ikun qiegħed jitlob kumpens sabiex il-kwistjoni tiġi deċiża permezz ta' arbitraġġ bl-arbitru jinħatar bi qbil bejn il-partijiet.
Is-Sindku kompla jgħid li għandu talba partikolari ta' individwu u ċjoè tad-Dentist Herbert Messina Ferrante li qabel li jmur arbitraġġ u għalhekk talab lill-Kunsill japprova din it-talba.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**6.2 Laqgħa mal-President tal-AKL**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għamel appuntament ġdid li jirrigwardja din il-laqgħa u issa ġiet posposta għat-Tnejn 16 ta' Diċembru 2013.

**6.3 Mera fi Triq il-Knisja l-Qadima/San Ġakbu**

Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar f'talba għal mera fil-bidu ta' Triq il-Knisja l-Qadima li tħares lejn Triq San Ġakbu. Is-Sindku qal li l-*Works Manger* għandu jiġi infurmat dwar din il-materja u jara jekk hux possibli li ssir.

**6.4 Talba għal zebra crossing fi Triq il-Qajjied**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva talba biex issir żebra Crossing fi Triq il-Qajjied. Is-Sindku qal li għandna ssir talba lil Transport Malta.

**6.5 Triq ta' Għar Lapsi**

Il-Kunsilliera Mariette Borg fakkret li fi tweġiba għall-mistoqsija Parlamentari, il-Ministru tat-Trasport L-Onor. Mizzi, kien qal li kien disponibbli li jgħin f'din il-materja. Għalhekk hija qalet li għandna nikkuntattjaw lill-Ministru dwarha. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien diġa' inkludi din it-triq fit-talbiet li kienu saru lill-Minsitru, wara l-laqgħa li l-istess Minsitru kellu mal-Kunsill.

**6.6 Żona Ta' Kerċeppu**

Il-Kunsilliera Mariette Borg talbet sabiex il-Kunsill jfassal pjan ta' immaniġġjar tat-traffiku għaż-żona Ta' Kerċeppu. Is-Sindku qal li kien ser jitlob lill-Perit tal-Kunsill sabiex iżur iż-żona u jħejji pjanta bil-bidliet meħtieġa.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8.30pm u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar it-Tnejn 9 ta' Diċembru fis-7:00pm. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina** | **Is-Sur Nikol Baldacchino** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-Tnejn, 12 ta' Diċembru 2013.**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta’ Xiri u Pagamenti

**Data:** 22/10/13-18/11/13

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | daniel cutajar | 541.50 | 541.50 | t | pf | bulky oct13 | 31.10.13 | 10 | | | 3042 | 9918 |
| 2 | callus landscaping | 2795.16 | 2795.16 | t | pf | planting oct13 | 30.10.13 | 23 | | | 3061 | 9917 |
| 3 | alex camilleri | 847.43 | 847.43 | t | pf | pubic conveniences oct13 | 1.11.13 | 78 | | | 3053 | 9916 |
| 4 | b.grima | 711.90 | 711.90 | t | pf | road signs | 30.10.13 | 10004049 | | | 2313 | 9915 |
| 5 | b.grima | 111.90 | 111.90 | t | pf | road signs | 30.10.13 | 10004050 | | | 2313 | 9915 |
| 6 | enemalta | 233.00 | 233.00 | d | pf | demarcation expenses fee 2014 | 5.11.13 | 1800001713 | | | 2372 | 9925 |
| 7 | jonathan balzan | 250.00 | 250.00 | d | pf | 50 librarty books | 11.11.13 | 0 | | | 2995 | 9914 |
| 8 | guard & warden | 110.88 | 110.88 | d | pf | service trench bypass | 31.10.13 | gs200 | | | 2310 | 9913 |
| 9 | nvc | 266.23 | 266.23 | d | pf | operating material | 1.11.13 | 5705 | | 40-53 | 2210 | 9912 |
| 10 | b.grima | 103.95 | 103.95 | t | pf | road markings girgenti | 28.10.13 | 10004029 | | | 2314 | 9915 |
| 11 | antonia aquilina | 136.62 | 136.62 | d | pf | attendance library oct13 | 31.10.13 | | | | 2995 | 9911 |
| 12 | klikk | 534.00 | 534.00 | d | pf | opc rock core | 30.10.13 | 8967 | | | 7310 | 9910 |
| 13 | synthesis | 488.81 | 488.81 | t | pf | supervisor of works 14/10/13-31/10/13 | 31.10.13 | lc-001 | | | 3120 | 9909 |
| 14 | datatrak | 7.04 | 7.04 | d | pf | pre regional tickets 1/10/13-31/10/13 | 31.10.13 | 1010698 | | | 3191 | 9908 |
| 15 | ecopure | 12.74 | 12.74 | d | pf | water for dispenser | 5.11.13 | 558479 | | | 2670 | 9907 |
| 16 | smart office supplies | 72.32 | 72.32 | d | pf | stationery | 10.10.13 | 13047447 | | | 2620 | 9906 |
| 17 | smart office supplies | 2.10 | 2.10 | d | pf | stationery | 10.10.13 | 13047448 | | | 2620 | 9906 |
| 18 | perit julian borg | 442.20 | 442.20 | d | pf | restoration os statue st paul | 27.10.13 | jb105/13 | | | 3372 | 9905 |
| 19 | sliema hotel | 200.00 | 200.00 | d | pf | accomodation rep screens | 5.11.13 | 9 | | | 3331 | 9926 |
| 20 | vodafone | 92.70 | 92.70 | d | pf | 99762218 oct13 | 1.11.13 | 3763020112013 | | | 2160 | 9904 |
| | **Sub Total c/f** | **€7,960.48** | **€7,960.48** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€7,960.48** | **€7,960.48** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 274 tal-18/11/13**

Kunsillier

Kunsillier

**Data: 22/10/13-18/11/13**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | vodafone | 89.17 | 89.17 | d | pf | 99491670 oct13 | 1.11.13 | 3763019112013 | | | 2160 | 9904 |
| 22 | p.cutajar | 86.00 | 86.00 | d | pf | 2 boxes coffee | 7.11.13 | 698378 | | | 2220 | 9903 |
| 23 | freespirit | 1000.00 | 1000.00 | d | pf | reenact festa gheneb | 1.11.13 | | | | 3370 | 9902 |
| 24 | access point | 236.00 | 236.00 | d | pf | it virtual pack nov13 | 1.11.13 | 4004 | | | 3110 | 9901 |
| 25 | access point | 70.80 | 70.80 | d | pf | backup package nov13 | 1.11.13 | 4005 | | | 3110 | 9901 |
| 26 | darren zammit lupi | 407.10 | 407.10 | d | pf | use of photographs screens project | 8.11.13 | 2 | | | 3331 | 9900 |
| 27 | pavi | 24.08 | 24.08 | d | pf | cleaning material | 9.11.13 | 989917 | | | 2220 | 9899 |
| 28 | greenspot | 11.30 | 11.30 | d | pf | milk/coffee | 13.11.13 | 14209 | | | 2220 | 9898 |
| 29 | ronald bezzina | 2770.83 | 2770.83 | t | pf | sweeping oct13 | 30.10.13 | 10 | | | 3051 | 9897 |
| 30 | ronald bezzina | 150.00 | 150.00 | t | pf | cleaning bus stops | 30.10.13 | 3 | | | 3051 | 9897 |
| 31 | arms | 59.97 | 59.97 | d | pf | gnien albert fenech 16/6/13-10/9/13 | 21.11.13 | 17684400 | | | 2130 | 9922 |
| 32 | arms | 35.19 | 35.19 | d | pf | premises 16/6/13-10/9/13 water | 21.11.13 | 17684405 | | | 2140 | 9922 |
| 33 | arms | 99.12 | 99.12 | d | pf | premises 16/6/13-10/9/13 elec | 21.11.13 | 17684405 | | | 2130 | 9922 |
| 34 | arms | 98.19 | 98.19 | d | pf | premises 16/6/13-10/9/13 water | 21.11.13 | 17684402 | | | 2140 | 9922 |
| 35 | arms | 96.12 | 96.12 | d | pf | premises 16/6/13-10/9/13 elec | 21.11.13 | 17684402 | | | 2130 | 9922 |
| 36 | wasteserv | 4502.80 | 3146.17 | t | pp | msw waste sept13 | 15.10.13 | 42014 | | | 3040 | 9919 |
| 37 | smart office | 36.88 | 36.88 | d | pf | stationery | 14.11.13 | 13048045 | | | 2620 | 9920 |
| 38 | nexos | 2658.88 | 2658.88 | t | pf | street lighting repairs | 13.11.13 | 2010592 | | | 2372 | 9921 |
| 39 | arms | 340.60 | 340.60 | d | pf | fx mangion 13/7/13-13/9/13 | 29.11.13 | 17719818 | | | 2130 | 9922 |
| 40 | secom | 35.00 | 35.00 | d | pf | servicing of broken line | 15.11.13 | 6479 | | | 2375 | 9895 |
| | **Sub Total c/f** | **€12,808.03** | **€11,451.40** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€7,960.48** | **€7,960.48** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€20,768.51** | **€19,411.88** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 274 tal-18/11/13**

Kunsillier

Kunsillier

Kunsill Lokali Siggiewi
Skeda Nru. 274

**Data:** 22/10/13-18/11/13

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | go | 34.94 | 34.94 | d | pf | adsl nov | 14.11.13 | 35368474 | | | 2160 | 9923 |
| 42 | go | 15.97 | 15.97 | d | pf | 21468874 nov13 | 14.11.13 | 35368474 | | | 2160 | 9923 |
| 43 | go | 44.74 | 44.74 | d | pf | 21465799/21465805 nov13 | 14.11.13 | 35368539 | | | 2160 | 9923 |
| 44 | go | 112.91 | 112.91 | d | pf | 21466000/21466036 nov13 | 14.11.13 | 35368503 | | | 2160 | 9923 |
| 45 | go | 16.95 | 16.95 | d | pf | 21462946 nov13 | 14.11.13 | 35368488 | | | 2160 | 9923 |
| 46 | cassie cutajar | 86.40 | 86.40 | d | pf | clerikal work saturdays oct13 | 1.11.13 | | | | 3065 | 9924 |
| 47 | lca | 100.00 | 100.00 | d | pf | reg laqgha kunsilliera | 19.11.13 | | | | 3320 | 9928 |
| 48 | ganaja | 11707.79 | 11707.79 | t | pf | supply material outdoor gym | | | | | 7504 | 9927 |
| 49 | ministry tourism | 60.00 | 60.00 | d | pf | advert tenders lcs19/13,17/13 | 19.11.13 | | | | 2930 | 9896 |
| 50 | | | | | | | | | | | | |
| 51 | | | | | | | | | | | | |
| 52 | | | | | | | | | | | | |
| 53 | | | | | | | | | | | | |
| 54 | | | | | | | | | | | | |
| 55 | | | | | | | | | | | | |
| 56 | | | | | | | | | | | | |
| 57 | | | | | | | | | | | | |
| 58 | | | | | | | | | | | | |
| 59 | | | | | | | | | | | | |
| 60 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€12,179.70** | **€12,179.70** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€12,179.70** | **€12,179.70** | | | | | | | | | |

Sindku

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 274 tal-18/11/13**

Kunsillier

Kunsillier